MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 207/2013

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Peter Valinald MAGNELL [ID. Nru. 58370A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-8 ta' April, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' tlett mija u erba' euro u wiehed u sittin ċenteżmi ta' euro [€304.61] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' tlett mija u erba' euro wiehed u sittin ċenteżmu (€304.61) in konnessjoni ma servizz/i ta' komunikazzjoni bin-numru 79418547 numri tal-kont A/C51039214, moghtija mis-socjeta attriċi u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas iżda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni skond il-ligi u ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Simone Ellul rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas ta' l-ispejjez tal-proceduri odjerni stante li l-intimat hallas is-sorte minnu dovut fil-mori tal-kawza.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti Simone Ellul xehdet llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' €304.61 thallas u li kull ma kien ghad fadal huma l-ispejjez tat-Talba odjerna. Dan l-ammont ghadu ma thallasx sal-lum.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi jirrizulta li l-intimat hallas is-sorte mitlub f'dawn il-proceduri wara li kienet ġiet intavolata t-Talba odjerna u li kull ma kien ghad fadal huma l-ispejjez ta' din l-istess Talba.

4. Illi minkejja li l-intimat gie notifikat bit-Talba odjerna bil-procedura ta’ l-affissjoni u tal-pubblikazzjoni huwa baqa ma deherx ghas-seduta tal-lum biex jaghti l-verzjoni tieghu.

5. Ra n-nota tas-socjeta rikorrenti li permezz taghha ċediet il-kawza iżda żammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

6. Illi in vista tal-fatt li l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti thallas mill-intimat wara li kienu gew mibdija dawn il-proceduri allura huwa xieraq li l-ispejjez ta’ l-istess ghandu jbaghtihom huwa.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-Talba in vista tan-nota tas-socjeta rikorrenti datata 20 ta’ Novembru, 2013 qieghed jikkundanna lill-intimat ihallas l-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------